Vol 31
Nru 170
Ottubru - Diċembru 2010

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

ISSETTJAT U STAMPAT:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2010

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Qumran - Waħda mill-grotti*

# Werrej



5



16



23




27

*5* **Qumran**

*16* **Irid li jsibna biex nkunu miegħu mill-ġdid**

*23* **Is-Sehem sħiħ tan-Nisa fl-Atti tal-Appostli**

*27* **Il-Via Dolorosa (4)**

*36* **L-Apokrafi**

*41* **Saċerdozju ta' Kristu fl-ittra lil-Lhud (4)**





36


# Editorjal


ta' P. Twanny Chircop ofm




## L-INSARA FIL-LVANT NOFSANI

Fil-ġranet 10-24 ta' Ottubru saret l-Assemblea Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet għal-Lvant Nofsani, fuq xewqa tal-Papa Benedittu XVI. Kien l-istess Papa li ħabbar dan is-Sinodu meta żar l-Art Imqaddsa f'Mejju 2009. Fiż-żjara pastorali li għamel fil-gżira ta' Ċipru f'Ġunju li għadda, Benedittu XVI kien ippreżenta d-dokument preparattiv tas-Sinodu lill-Isqfijiet li kienu preżenti għal dan l-avveniment. It-tema tas-Sinodu kienet: "Il-Knisja Kattolika fil-Lvant Nofsani: komunjoni u xhieda. Il-ġemgħa ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda (Atti 4,32)".

Għas-Sinodu attendew l-Isqfijiet ta' diversi Knejjes Kattoliċi preżenti fil-Lvant Nofsani. Barra l-Knisja Kattolika Latina, rappreżentata l-aktar mill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, Fouad Twal, fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani l-Insara huma fil-maġġoranza tagħhom membri ta' Knejjes ta' riti Orjentali. Dawn jinkludu l-Knisja Griega Kattolika (Melkita), il-Knisja Maronita (fil-Libanu), il-Knisja Sirjaka Kattolika, il-Knisja Armena Kattolika, il-Knisja Kopta Kattolika (fl-Eġittu), u l-Knisja Kaldea. Dawn il-Knejjes huma kollha magħqudin mal-Papa bħala kap tal-Knisja, għalkemm isegwu liturġija proprja li hi segwita wkoll mill-Knejjes Ortodossi li mhumiex f'komunjoni ma' Ruma, bħalma hu l-każ tal-Knisja Griega Kattolika li ssegwi l-liturġija Biżantina bħall-Knisja Griega Ortodossa.

Fost dawn l-Isqfijiet ta' diversi riti preżenti fis-Sinodu, kien hemm ukoll il-Kustodju



*...editorjal*

# *L-Insara fil-Lvant Nofsani*

tal-Art Imqaddsa, Patri Pierbattista Pizzaballa ofm. Il-Franġiskani, bħala kustodji uffiċjali tas-Santwarji tal-Fidwa, jaħdmu mhux biss fl-Art Imqaddsa imma fil-pajjiżi kollha tal-Lvant Nofsani, u għandhom kuntatt ħaj mal-Knejjes kollha li huma preżenti f'dan ir-reġjun (Eġittu, Israel, Palestina, Libanu, Sirja, Ġordanja, Turkija, Iraq, Kuwait, Stati tal-Golf Persiku). Flimkien mal-Kustodju kienu preżenti wkoll bħala esperti Patri Frédéric Manns ofm, professur tal-Eseġeżi Biblika u l-Ġudaiżmu fl-iStudium Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalemm, u Patri Claudio Bottini ofm, dekan tal-Fakultà ta' Teoloġija Biblika u Arkeoloġija fl-istess Studium.

Is-Sinodu tal-Isqfijiet tal-Lvant Nofsani kellu l-iskop li jagħmel evalwazzjoni tal-qagħda preżenti tal-Knejjes Kattoliċi preżenti f'dan ir-reġjun. Fid-dokument preparatorju saret analiżi tas-sitwazzjoni tallum, li hi preokkupanti. In-numru ta' Kattoliċi li jgħixu fil-Lvant Nofsani dejjem jonqos. Naqas b'mod drastiku fl-Art Imqaddsa, fejn il-Kattoliċi ta' diversi riti ma jwasslux għal aktar minn 1% tal-popolazzjoni. Postijiet bħal Betleħem, fejn l-Insara kienu f'maġġoranza, illum saru postijiet ta' maġġoranza Islamika. Fil-Libanu l-Insara huma 35% tal-popolazzjoni, filwaqt li fl-Iraq aktar minn nofs miljun Insara kellhom jaħarbu mir-reġjun ta' Mosul (Niniveh) minħabba vjolenza fundamentalista Islamika. Is-sitwazzjoni tal-Insara fl-Eġittu u fit-Turkija mhijiex daqshekk tajba, bi knejjes li ġew meqrudin, u bi qtil ta' saċerdoti Kattoliċi, inkluż l-Isqof Kapuċċin Luigi Padovese, maqtul fit-Turkija f'Mejju li għadda.

Fl-istess ħin is-Sinodu eżamina u ippropona elementi ta' tama għall-ġejjieni tal-Kattoliċi fir-reġjun. Iż-żerriegħa tal-għaqda bejn il-Knejjes u tal-inkulturazzjoni diġà bdiet tagħti l-frott tagħha, kif ukoll is-sehem tal-Kattoliċi fil-ħajja politika u soċjali ta' dawn il-pajjiżi. F'xi pajjiżi, bħalma huma l-Ġordanja, is-Sirja u l-Libanu, il-Kattoliċi jgawdu minn paċi u libertà ta' kult u ta' espressjoni relattivi. L-istess nistgħu ngħidu dwar il-Kattoliċi fl-Art Imqaddsa, imma hawn il-problemi jinqalgħu minħabba l-okkupazzjoni Israeljana ta' bliet Insara bħalma hi Betleħem, fejn il-Kattoliċi jsibu ruħhom magħluqin f'territorju limitat bi ftit opportunità ta' moviment liberu.

Is-Sinodu kien ukoll okkażjoni biex jinbnew pontijiet mar-reliġjonijiet oħrajn preżenti fir-reġjun, partikolarment ir-reliġjon Islamika u r-reliġjon Lhudija. L-Isqfijiet fis-Sinodu għarfu l-elementi komuni bejn dawn ir-reliġjonijiet u l-Kristjaneżmu bħala bażi tad-djalogu. Fl-istess ħin huma talbu biex jitħarsu l-interessi tal-minoranza Kristjana f'dan ir-reġjun, biex ikun hemm aktar tolleranza lejn l-Insara f'pajjiżi li għadhom jiċħdu dan id-dritt (Għarabja Sawdita), u biex tingħata l-libertà ta' kult lil dawk kollha li jemmnu fl-istess Alla ta' Abraħam, kemm jekk huma Lhud, Insara jew Musulmani.



# QUMRAN

***Noel Muscat ofm***

Is-sit arkeoloġiku ta' Qumran (Khirbet Qumran), ftit 'il ġewwa mix-xatt tal-majjistral tal-Baħar il-Mejjet, hu wieħed mill-aktar siti arkeoloġiċi importanti fl-Art Imqaddsa. Fl-1947 ġriet l-aħbar li kienu nstabu diversi rotoli fl-għerien tal-blat għoli ta' dan is-sit fid-deżert tal-Lhudija, li jixħtu dawl fuq l-istorja tal-perjodu tat-Tieni Tempju (520 q.K. – 70 w.K.), u l-aktar tal-perjodu mit-tieni seklu q.K. sal-qerda definittiva tat-Tempju fis-sena 70.

Id-deżert tal-Lhudija, reġjun ta' nixfa kbira, irnexxielu jippreserva dan it-teżor għal kważi elfejn sena. Fl-1947 tifel Palestinjan, li kien Bedwin tad-deżert, u li kien qiegħed jirgħa l-mogħoż f'dawn l-inħawi, mar ifittex mogħża li kienet spiċċat mitlufa f'għar. Malli xeħet ġebla fl-għar biex iġegħlha toħroġ minn hemm sema' ħoss ta' fuħħar jinkiser. Dan imlieh bil-kurżità u daħal fl-għar, fejn sab diversi ċilindri tal-fuħħar li fihom kien hemm rotoli tal-parċmina b'kitba bil-Lhudi. Minn meta l-aħbar xterdet bħal leħħa ta' berqa, jiġifieri mill-1947, is-sit ta' Qumran ġie skavat kollu kemm hu, u ma hemmx għar jew toqba fil-blat li ma ġewx imfittxija, u ma hemmx ġebla li ma ġietx maqluba mill-arkeoloġi, li rnexxielhom isibu diversi oħrajn minn dawn il-parċmini magħluqin fiċ-ċilindri tal-fuħħar, li fihom baqgħu mħarsin intatti għal kważi elfejn sena fl-ambjent niexef qoxqox tad-deżert.

## Is-sejba tar-rotoli ta' Qumran

L-ewwel sejba li għamlu l-bedwini fid-deżert tal-Lhudija kienet tikkonsisti f'seba' rotoli kbar li nstabu fil-għar numru 1. Iċ-ċirkostanzi politiċi li fihom instab dan it-teżor kienu interessanti. Fl-1947 konna qrib il-gwerra ta' indipendenza ta' Israel, li fl-1948 iddikjara lilu nnifsu bħala stat sovran. Dan kollu wassal biex is-sejbiet arkeoloġiċi kienu wkoll vittmi ta' l-avvenimenti storiċi. Ftit qabel il-fundazzjoni ta' l-Istat ta' Israel il-professur E.L. Sukenik ta' l-Università Ebrajka irnexxielu jakkwista bil-moħbi tlieta mir-rotoli mingħand negozjant Palestinjan-Kristjan ta' l-antikitajiet minn Betleħem. L-erba' rotoli l-oħrajn li kienu nstabu kienu spiċċaw f'idejn Mar Athanasius Yeshua Samuel, Metropolita tal-monasteru Sirjan-Ġakobita ta' San Mark ta' Ġerusalemm. Fl-1949 dan kien telaq lejn l-Istati Uniti u ħa miegħu r-rotoli, imma dam ħames snin jistenna sakemm sab lil xi ħadd li kien interessat jixtrihom. Fl-1 ta' Ġunju 1954 Mar Samuel ippubblika riklam fil-*Wall Street Journal*, li fih avża li kellu għall-bejgħ erba' rotoli mill-Baħar il-Mejjet. Induna b'dan ir-riklam Yigael Yadin, iben il-professur Sukenik, li kien għadu kemm irtira mill-inkarigu ta' Kap ta' Stat Maġġuri fl-armata Israeljana u issa ngħata b'ruħu u ġismu għall-arkeoloġija. Bl-għajnuna ta' intermedjarji rnexxielu jakkwista r-rotoli mingħand Mar Samuel billi ħallas is-somma ta' 250 elf dollaru. Hekk ir-rotoli, li missieru kien ilu jfittex għal tant żmien u li kienu saru oġġett ta' tfittxija akkanita, spiċċaw kollha f'idejn l-Istat ta' Israel. Parti mill-prezz ta' l-akkwist ingħata minn D.S. Gottesman, filantropu minn New York. L-eredi tiegħu mbagħad ħallsu minn buthom il-bini tax-*Shrine of the Book* fil-Mużew ta' Israel f'Ġerusalemm, fejn dawn il-manuskritti uniċi ġew esposti għall-pubbliku.

Is-seba' rotoli li nstabu fil-għar numru 1 u li baqgħu l-aktar famużi jikkomprendu: Isaija, Dewteroisaija, Kummentarju ta'

Ħabaqquq, Rotolo ta' radd il-ħajr, Regola tal-Komunità (jew Manwal ta' Dixxiplina), Regola tal-Gwerra (jew il-Gwerra bejn Ulied id-Dawl u Ulied id-Dlam), u l-Ktieb Apokrifu tal-Ġenesi, dan ta' l-aħħar miktub bl-Aramajk. Dawn ir-rotoli kbar ġew iddeċifrati u ppubblikati.

## Is-sit arkeoloġiku ta' Qumran: l-għerien

Bejn is-sejba tar-rotolo fl-għar numru 1 u l-bidu tar-riċerka arkeoloġika sistematika f'Qumran għaddiet almenu sena. Ma ninsewx li ż-żona li fiha jinsab is-sit ta' Khirbet Qumran, sal-Gwerra ta' l-1967, kienet tinsab fil-Ġordanja, u kien biss f'dik is-sena li Israel okkupa x-Xatt tal-Punent tal-Ġordan u għalhekk Qumran spiċċa taħt sovranità Israeljana. It-tfittxija fl-għerien l-oħrajn għal rotoli simili għal dawk li kienu nstabu fl-1947 kompliet qabel xejn mill-Bedwini Għarab, li ma kienx jimpurtahom mill-arkeoloġija, imma biss milli jaqilgħu l-flus billi jbigħu l-manuskritti, u li għalhekk ħarbtu ż-żona kollha, u forsi xerrdu mar-riħ materjal prezzjuż.

Fil-bidu ta' l-1949, il-post li fih kien hemm l-għar numru 1 ġie fl-aħħar identifikat mill-awtorità arkeoloġika tal-Ġordanja. G. Lankester Harding, direttur tad-Dipartiment ta' l-Antikitajiet tal-Ġordanja, flimkien ma' Patri Roland de Vaux, Dumnikan Franċiż mill-*Ecole Biblique* ta' Ġerusalemm, bdew l-iskavi sistematiċi ta' dan l-għar. L-esplorazzjoni wasslet biex jiġu misjuba diversi frammenti ta'



*Banjijiet ritwali tal-Esseni*

manuskritti, fosthom partijiet mis-seba' rotoli oriġinali.

Sadanittant il-Bedwini komplew it-tfittxija tagħhom tar-rotoli biex hekk ikollhom manuskritti antiki xi jbigħu. Il-fatt li l-Bedwini komplew joffru frammenti ta' manuskritti għall-bejgħ, l-aktar fis-swieq ta' l-antikità ta' Betleħem, kien jindika li huma kienu sabu għerien oħrajn barra l-għar numru 1 li fih l-arkeoloġi kienu xeħtu l-attenzjoni tagħhom.

Bejn l-1951 u l-1956 sar sforz kbir u attività intensa ta' skavi arkeoloġiċi fiż-żona ta' Qumran, kemm biex jinstabu għerien li jaħbu fihom ir-rotoli kif ukoll biex jinstabu postijiet li kienu marbutin b'xi mod mal-manuskritti. L-arkeoloġi ikkonċentraw it-tiftix tagħhom fuq medda ta' 8 kilometri ta' rdumijiet li jħarsu fuq il-Baħar il-Mejjet fiż-żona ta' Qumran. Fi ħdax mill-bosta għerien taż-żona huma sabu manuskritti. Fil-fatt il-Bedwini sabu ħames manuskritti u l-arkeoloġi sabu sitta. Kienet ġlieda kontra l-ħin u l-qerda tal-manuskritti li l-Bedwini mhux l-ewwel darba kienu jaqsmuhom fi frammenti biex ikollhom xi jbigħu bi prezzijiet għoljin u min jixtrihom ikollu jara kif jista' jsib il-frammenti neqsin! Fl-għar numru 3 instabu ċilindri tar-ram li fihom jingħad li kien hemm diversi teżori moħbija, imma li forsi dwarhom nibtu diversi stejjer fittizji. L-għar numru 4 instabu fih 15-il elf frammment ta' diversi testi. L-għar numru 11, li fih instabu diversi manuskritti fl-1956,


*Deżert tal-Lhudija u l-monasteru ta' Wadi Qelt*

baqa' magħruf l-aktar għas-sejba tar-Rotolu tas-Salmi, it-traduzzjoni (*Targum*) Aramajka ta' Ġob, u r-Rotolu tat-Tempju, li hu l-itwal manuskritt ta' Qumran (29 piedi twil). Yigael Yadin akkwista r-Rotolu tat-Tempju fl-1967 u issa hu wkoll imħares fix-*Shrine of the Book* f'Ġerusalemm. Il-kumplament tal-manuskritti, ħafna minnhom frammenti, jinsabu fil-Mużew Rockfeller ta' Ġerusalemm.

## Khirbet Qumran (ir-rovini ta' Qumran)

Patri de Vaux kien konvint li fl-inħawi qrib l-għerien li fihom instabu r-rotoli tal-Baħar il-Mejjet, seta' kien hemm xi post ta' abitazzjoni ta' dawk li kienu ipproduċew dawn ir-rotoli. Fil-fatt l-iskavi li saru fuq il-medda art li hemm bejn l-irdumijiet u l-Baħar il-Mejjet kixfu fdalijiet estiżi ta' bini fil-ġebel li għandu medda ta' 80 metru b'100 metru, u li kien għadu intatt sa ċertu għoli. L-istrutturi jidhru li ma kinux bini la militari u lanqas għall-użu privat, imma pjuttost għal skop komunitarju. Mhux biss, imma fil-qrib instabu wkoll fdalijiet ta' oqbra.

Il-fuħħar li nstab fir-rovini kien jixbah lil dak li nstab fl-għar numru 1 u ikkonferma r-rabta bejn dan il-bini u l-għerien li fihom, għal xi raġuni, kienu tpoġġew iċ-ċilindri tat-tafal bir-rotoli. Wara l-ewwel skavi Patri de Vaux ħareġ bit-teżi li dak il-post ma kien xejn aktar għajr l-irtir tad-deżert tas-setta ta' l-Esseni, li jissemmew minn diversi storiċi tal-qedem. Il-membri ta' din is-setta kienu jgħixu f'dawn l-inħawi, x'aktarx fl-għerien, jew f'tined, imma kienu jiddependu minn dan il-bini ċentrali għall-ħtiġijiet komunitarji tagħhom, l-aktar għall-użu ta' l-ilma, għall-ikel, u għall-organizzazzjoni tal-ħajja komunitarja u ta' l-attività tagħhom. Bejn l-1956 u l-1958 saru skavi fil-lokalità viċina ta' En Feshka, u hemmhekk instabet medda oħra ta' art li kienet parti mill-oqsma ta' Qumran, f'dan il-każ għal skop agrikolu.

L-istruttura tal-binja hi interessanti ħafna. L-ewwel ħaġa li tolqot l-għajn hi struttura għolja aktar mill-kumplament tal-binja, li evidentement kienet torri ta' protezzjoni li kien jiddomina dan il-kumpless. Minn fuq dan it-torri wieħed jilmaħ dehra panoramika tal-pjanura li testendi ruħha max-xatt tal-Baħar il-Mejjet minn Ġeriko lejn it-tramuntana sa fejn jaslu l-irdumijiet tad-deżert fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar. Faċċata jidher il-Baħar il-Mejjet u l-għoljiet ta' Mowab, fuq ix-xaqliba tal-Ġordanja, bl-għolja tan-Nebo li fuqha miet Mosè. Bħala punt ta' osservazzjoni t-torri seta' jservi ta' difiża f'każ ta' attakki, għax in-nuqqas ta' veġetazzjoni fid-deżert irendi l-viżta ċara sa kilometri bogħod.

L-ewwel mistoqsija li tiġi lil min jara din il-binja hi minn fejn kien jinġieb l-ilma għall-użu ta' din il-komunità, li mix-xeħta ma kinitx żgħira fin-numru. It-tweġiba nsibuha fil-kanali li hemm fl-art, u li huma akwedott imħaffer li jġib l-ilma mill-irdumijiet ta' fuq wara. Fid-

deżert tal-Lhudija x-xita tinżel biss narament, imma meta tinżel tkun qawwija u l-ilmijiet li jinżlu minn Ġerusalemm u Betleħem lejn il-Baħar il-Mejjet isiru nixxigħat qawwija ta' ilma li jiġri lejn il-Baħar il-Mejjet f'distanza ta' ftit kilometri u għal ħin limitat. Għalhekk kien importanti li l-ilma jinġabar u jinħażen. Għal din ir-raġuni nstabu diversi ċisterni li jiġbru l-ilma tax-xita, u wkoll diversi banjijiet ritwali kbar, li tinżel fihom b'turġien, u li meta kienu jimtlew bl-ilma kienu tassew ikunu fondi. L-abbundanza ta' l-ilma li seta' jinġabar tgħaġġibna fid-deżert, imma kif naraw il-komunità ta' l-Esseni kienet tagħmel użu frekwenti minn banjijiet ritwali, u kellha bżonn ta' rifornimen kostanti ta' ilma.

Il-bqija tal-kumpless arkeoloġiku juri li ma kienx fih abitazzjonijiet privati, imma ċertament



kellu ambjenti komunitarji. Instabu fdalijiet f'sala li jimmarkawha bħala *scriptorium*, jiġifieri l-post li fih l-Esseni kienu jipproduċu l-manuskritti. Din is-sejba kienet ċertament l-aktar element importanti fis-sit kollu, għax turi r-rabta intima bejn dan il-bini u l-għerien li fihom l-Esseni ħbew ir-rotoli li kienu jikkupjaw. Swali oħrajn x'aktarx li kienu kċina, sala għal-laqgħat tal-komunità, refettorju fejn kienu jieklu flimkien, imħażen għall-ikel, post li fih kien jinħadem il-fuħħar, forn u stalla.

## Is-setta ta' l-Esseni u kif spiċċaw minn Qumran

Il-bidu tas-setta ta' Qumran hu x'aktarx marbut, skont xi studjużi, mal-komunità ta' *Hasidim*, jew gruppi ta' Lhud devoti li fi żmien ir-rewwixta tal-Makkabin (165 q.K.) kienu qamu kontra



l-ellenizzazzjoni tal-Palestina minn Antjoku Epifani, u kienu ħarbu lejn id-deżert tal-Lhudija biex ikunu fidili għat-*Torah,* jew Liġi ta' Mosè. "Imbagħad ingħadu magħhom ġemgħa ta' Ħasidin, nies ta' ħila kbira fost Israel, kull wieħed lest biex jiddefendi l-Liġi" (1Mak 2,42). Il-kelma Lhudija *Hasidim* (bil-Grieg *Asidej*) tfisser id-"devoti", u tindika komunità ta' Lhud li jħarsu l-Liġi b'mod strett u li kienu offrew reżistenza għall-pagani, saħansitra qabel ma' Mattatija u ibnu Ġuda bdew il-gwerra tal-Makkabin kontra l-ellenizzazzjoni tas-Selewċidi. Il-*Hasidim*, iżda, qatt ma riedu jkollhom x'jaqsmu ma' l-intriċċi politiċi tad-dinastija ta' l-Asmonej. Skont l-istoriku Lhudi Josephus Flavius, taħt il-ħakma ta' Ġonata, lejn is-sena 150 q.K., dawn il-*Hasidim* ħarġu minnhom żewġ gruppi, jiġifieri l-Fariżej u l-Esseni (*Antichità Giudaiche* XIII,17s).

L-iskavi arkeoloġiċi f'Qumran jindikaw li dan is-sit ġie mwaqqaf lejn it-tieni nofs tas-seklu 2 q.K., proprju fi żmien id-dinastija tal-Makkabin. Fl-okkupazzjoni tas-sit jidher li kien hemm perjodu li fih ġie abbandunat, forsi minħabba xi terremot qawwi, li hu fenomenu komuni fil-wied tal-Ġordan u d-depressjoni tal-Baħar il-Mejjet. Qumran imbagħad kompla jiffjorixxi saż-żmien l-ewwel rexxiwta tal-Lhud kontra r-Rumani fis-sena 66 w.K. Jidher li qrib is-sena 68, jiġifieri sentejn qabel il-qerda tat-Tempju ta' Ġerusalemm fis-sena 70, Qumran ġie abbandunat għal kollox.

Għalkemm l-uniċi fdalijiet ta' din l-epoka li waslu għandna huma r-rotoli tal-Baħar il-Mejjet misjubin f'Qumran, għandna informazzjoni prezzjuża dwar il-komunità ta' l-Esseni mogħtija lilna minn storiċi kontemporanji, bħalma huma Josephus Flavius, Philo ta' Lixandra, u Plinio il Vecchio.

Josephus Flavius jitkellem minn diviżjoni tal-Lhud fi żmien it-tieni Tempju fi tliet gruppi: Sadduċej, Fariżej u Esseni. Is-Sadduċej kienu jiġbru prinċipalment il-familji aristokratiċi u saċerdotali, li kienu jippruvaw iżommu paċi mal-ħakkiema Rumani. Il-Fariżej kienu kostitwiti minn lajċi osservanti tal-Liġi. L-Esseni kienu grupp separatista, li mix-xeħta parti minnha irtirat lejn id-deżert biex tifforma komunità axxetika u monastika f'Qumran. M'humiex tant ċari r-relazzjonijiet li seta' kien hemm bejn id-diversi gruppi. Il-kriżi li wasslet biex l-Esseni jinfirdu mill-kurrent tal-maġġoranza tal-Lhud setgħet kienet marbuta mal-fatti storiċi li seħħew taħt il-mexxejja Makkabin Ġonata (160-142 q.K.) u Xmun (142-134 q.K.). Dawn, għalkemm kienu gwerriera politiċi, ħakmu f'idejhom ukoll ir-rwol u l-uffiċċju tal-qassis il-kbir, u hekk il-Lhud konservattivi skandalizzaw ruħhom meta raw kif il-klassi saċerdotali issa kienet iċċappset b'intriċċi politiċi ta' l-Asmonej. X'aktarx li dawn il-Lhud "devoti" kienu sfaw ippersegwitati mill-istess mexxejja u l-kap tagħhom, hekk imsejjaħ "Mgħallem

tal-ġustizzja", ħa f'idejn it-tmexxija tal-grupp ta' l-Esseni u beda jgħallem il-viżjonijiet apokalittiċi tiegħu lis-setta, li fihom jitkellem mill-qerda tal-"qassis ħażin" ta' Ġerusalemm, dwar il-bidu ta' l-era tal-Messija, u tal-komunità ta' l-Esseni bħala l-veru Israel. Il-fatt li l-Esseni irtiraw fid-deżert tal-Lhudija seta' kien ir-raġuni li dawn il-Lhud "infirdu mill-komunità tal-ħżiena li tqarrqu" (1Q Serekh 5:2).

Aspett karatteristiku tas-setta ta' l-Esseni hu l-kalendarju tagħhom, ibbażat fuq is-sistema solari ta' 364 jum, b'differenza mill-kalendarju normali Lhudi li kien ibbażat fuq il-qamar u kellu 354 jum. Il-kalendarju tas-setta kien dejjem jiġi kkalkolat mill-jum ta' l-Erbgħa, il-jum li fih Alla ħalaq ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb. Is-sena kienet tikkonsisti fi 52 ġimgħa, maqsumin f'erba' staġuni ta' 13-il ġimgħa l-wieħed. Il-festi kienu dejjem jaqgħu fl-istess ġranet tal-ġimgħa. Il-kalendarju ta' l-Esseni kellu rwol importanti fix-xiżma tal-komunità mill-kumplament tal-Lhud, għaliex il-festi u l-jiem tas-sawm tas-setta kienu ġranet normali tax-xogħol għall-parti prinċipali tal-komunità Lhudija u bil-maqlub. L-awtur tal-Ktieb tal-Ġubilej jakkuża lill-Esseni talli ma kinux isegwu l-kalendarju lunari, u hekk kienu jbiddlu "l-jiem ta' l-impurità" fil-"festi u l-jiem sagri" (*Ġubilej* 6:36-7).

L-Esseni baqgħu ibsin fl-eżistenza tagħhom bħala grupp separatista għal żewġ sekli sħaħ, u kienu jingħataw għall-istudju u għal stil ta' ħajja komunitarju li kien jikkonsisti fil-kult, fit-talb u fil-ħidma. Jidher imma ċar li bosta mill-Esseni ma kinux jgħixu f'Qumran, imma fi rħula oħrajn barra minn din iż-żona.

L-isem "Esseni" qatt ma jissemma fir-rotoli tal-Baħar il-Mejjet. Kif nistgħu għaldaqstant nattribwixxu il-manuskritti u l-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Qumran


*Scriptorium tal-Esseni*

lil din is-setta ta' l-Esseni? L-argumentazzjoni li taqbel ma' din l-attribuzzjoni tinbena fuq id-diviżjoni tar-reliġjon Lhudija fit-tliet familji ta' Fariżej, Sadduċej, u Esseni, li fil-kitbiet ta' Qumran (per eżempju fil-kummentarju ta' Naħum) jissemmew bl-ismijiet rispettivi ta' Efrajm, Manassi u Ġuda. Billi l-isem *Yeudah*, jew Ġuda, jirreferi għalihom infushom, hu ċar liema rwol kienu jqisu li kellhom dawn l-Esseni. Il-kunċetti u t-twemmin reliġjuż tagħhom, kif jidhru fir-rotoli li nstabu, jaqblu għal kollox ma' dawk reġistrati u attribwiti lilhom minn kittieba kontemporanji u li jidhru li huma f'kuntrast assolut ma' dawk ta' gruppi oħrajn reliġjużi Lhud magħrufin.

Nafu li l-membri tas-setta kienu jieklu flimkien, tant li fil-fdalijiet ta' Qumran jiġi indikat post hekk imsejjaħ refettorju, jew sala ta' l-ikel. Ir-Regola tal-Komunità tgħid: "Għandhom jieklu flimkien u fil-komunità għandhom jitqaddsu u jirċievu pariri mingħand xulxin" (1Q Serekh 6:1).

Minkejja li din l-attribuzzjoni tar-rovini ta' Qumran lill-komunità ta' l-Esseni hi aċċettata mill-maġġoranza ta' l-istudjużi, hemm ċerti studjużi li jkomplu jopponu b'mod qawwi din it-teżi. Skont huma dan is-sit arkeoloġiku kien gwarniġun militari jew saħansitra residenza nobbli għax-xitwa. Ir-rotoli setgħu kienu sempliċement kollezzjoni ta' dokumenti li mhux neċessarjament kellhom x'jaqsmu ma' dak li seħħ qrib il-Baħar il-Mejjet, u lanqas ma kienu marbutin ma' xi setta partikulari, imma kienu biss fdalijiet tal-biblijoteka tat-Tempju ta' Ġerusalemm. Xi ħadd ieħor ħareġ bit-teżi li l-kitbiet setgħu kellhom rabta mad-dixxipli ta' Ġesù – Lhud Insara – li kienu baqgħu jipprattikaw il-Liġi ta' Mosè.

Hemm teżi li ssostni s-sit arkeoloġiku ta' Qumran, li jinsab ftit kilometri bogħod mis-sit li fih Ġwanni l-Battista kien jgħammed f'Wadi el-Kharrar, fuq ix-xaqliba l-oħra tax-xmara Ġordan, taħt l-għoljiet tal-Mowab fil-Ġordanja, kellu xi rabta mal-prekursur tal-Mulej, fis-sens li l-Battista kien irċieva l-formazzjoni tiegħu fi ħdan il-komunità ta' l-Esseni. L-istess jingħad dwar ir-rabta li hemm bejn il-kitbiet ta' Qumran u xi siltiet mit-Testment il-Ġdid, partikolarment il-prologu ta' San Ġwann, l-aktar għat-tema tad-dawl u d-dlam. Ċertament hemm rabtiet bejn l-axxetiżmu ta' l-Esseni u dak ta' Ġwanni l-Battista, kif ukoll bejn it-tagħlim tagħhom u t-Testment il-Ġdid. Mandankollu ma hemmx ċertezza assoluta dwar jekk kienx hemm komunikazzjoni bejn Ġwanni l-Battista, Kristu u l-Esseni.

## Il-biblijoteka ta' Qumran

Il-kollezzjoni ta' manuskritti li nstabu Qumran toffrilna ġabra voluminuża ta' dokumenti Lhud mit-tielet seklu q.K. sas-sena 68 w.K., li juru ċerta attività letterarja tal-Lhud fil-perjodu tat-Tieni Tempju. Il-kategoriji

ewlenin tal-kitbiet huma bibliċi, apokrifi, u kitbiet tas-setta ta' l-Esseni.

Il-manuskritti bibliċi huma imprezzabbli, għaliex huma x'aktarx il-kopji l-aktar antiki ta' testi bibliċi li qatt waslu għandna. Fil-kollezzjoni huma rappreżentati l-parti l-kbira tal-kotba tal-Bibbja. It-testi juru xebh kbir mat-test Masoretiku (tradizzjonali), għalkemm hemm xi manuskritti li jsegwu t-tradizzjoni tal-Bibbja Septwaġinta (verżjoni Griega), li kienet ġiet tradotta f'Lixandra mill-Ebrajk bejn it-3 u t-2 seklu q.K.

F'Qumran instabu wkoll diversi testi apokrifi kemm fil-verżjoni oriġinali bil-Lhudi kif ukoll bl-Aramajk. Dawn it-testi, li ma kinux ġew inklużi fil-kanone Lhudi, ġew milqugħin f'diversi Knejjes insara, u ġew traskritti fil-Grieg, Etjopiku, Sirjaku, Armen u lingwi oħrajn.

Parti minn dawn it-testi huma marbutin b'mod strett ma' kompożizzjonijiet bibliċi, bħall-ktieb tal-Ġubilej u l-ktieb ta' Enok, filwaqt li oħrajn huma indipendenti, bħal Tobit u Bin Sirak.

Il-grupp ta' manuskritti l-aktar oriġinali u uniċi ta' Qumran hu dak li għandu x'jaqsam mas-setta ta' l-Esseni, li kienet prattikament mhux magħrufa sa ma nstabu dawn ir-rotoli fl-1947. Din il-letteratura turi twemmin u użanzi tal-komunità reliġjuża ta' l-Esseni, li ċ-ċentru tagħha x'aktarx kien jinsab proprju f'Qumran, u tiġbor fiha regoli u ordinanzi, kummentarji bibliċi, viżjoni apokalittiċi u opri liturġiċi.

Ir-regoli tal-komunità, li juruna l-ħajja prattika tas-setta ta' l-Esseni, jinsabu miġburin fil-manuskritti li jissejħu "Dokument ta' Damasku", "Regola tal-Komunità" u "Xi Preċetti tat-Torah". Dan hu ġabra ta' materjal legali (*Halakà*) li jixbah ħafna t-tradizzjoni rabbinika suċċessiva li hi kkonservata fil-*Mishnà*.

Il-kummentarji tal-Bibbja (*Pesharim*) jinkludu l-kummentarju ta' Ħabaqquq, dak ta' Naħum, u dak ta' Ħosegħa. Il-kummentarji huma għal kollox ta' natura apokalittika, u kienu biss il-membri tas-setta ta' l-Esseni li setgħu jifhmu l-kontenuti tagħhom.

Il-materjal liturġiku jinkludi s-Salmi ta' Ringrazzjament (*Hodayot*), li jiġu attribwiti għall-"Mgħallem tal-Ġustizzja".

Dawn id-dokumenti kollha, għal raġunijiet li mhumiex dejjem ċari għall-arkeoloġi, imma x'aktarx fis-sena 68 w.K., waqt l-ewwel rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani, ġew moħbijin fl-għerien ta' madwar Qumran. Is-setta ta' l-Esseni jidher li spiċċat u ntesiet għal kollox, u magħha ntesew ukoll dawn il-parċmini teżor, sakemm il-bedwin Palestinjan skoprihom fl-1947. Minn dik is-sena l-istudji bibliċi ġew irrevoluzzjonati. Qumran jibqa' għalhekk sit ta' importanza assoluta anke għalina l-Insara fl-istudju tal-Bibbja u ta' l-istorja ta' żmien Ġesù.


*Fdalijiet tat-tori ta' difiża ta' Qumran*



# IRID LI JSIBNA BIEX NKUNU MIEGĦU MILL-ĠDID

*Dun Pawl Sciberras*

***Il-Parabboli tan-nagħġa u d-drakma mitlufin (Lq 15, 1-10)***

## Introduzzjoni

Bħal kull parabbola oħra ("parabbola ġejja mill-Grieg *parabolē*, li tfisser "paragun", "konfront"), il-Parabbola mitlufa hija storja aktarx qasira, meħuda mill-ħajja ta' kuljum, maħsuba biex tqajjem f'min jisma' l-istorja sħiħa mistoqsijiet dwar il-ħajja u l-mod kif

qiegħed iġib ruħu, tmisslu l-kuxjenza u ġġiegħlu jieħu pożizzjoni.

Id-dettalji huma maħsuba biss biex jagħmlu parti mill-istorja sħiħa, mhux biex jiġu interpretati wieħed wieħed, għax parabbola mhix allegorija. Parabbola aktarx tispiċċa bi tmiem kurjuż jew li jwassal messaġġ wieħed, l-iktar l-iktar tnejn, li hu l-kontra ta' dak li hu normalment mistenni jew aċċettat normalment fil-ħajja ta' kuljum.

## Id-daħla ta' Luqa għall-parabbola

Il-versi 1-3 jagħtu l-għan li għalih se tingħad il-parabbola: Ġesù jaf li biex iressaq lill-bnedmin lejn Alla mill-ġdid, u joffrilhom is-salvazzjoni, irid ikun magħhom, f'nofshom. Irid jiekol u jagħmilha magħhom, anke jekk huma pubblikani u midinbin. Din kienet kwistjoni li l-Knisja tal-bidu tħabtet qatigħ u rriflettiet ħafna biex aċċettatha hi stess u poġġietha fil-prattika. Ma ninsewx, ngħidu aħna, l-episodju fundamentali u programmatiku ta' Pietru u Kornelju, li fuqu mbagħad inbidlet il-*policy* tal-Knisja fil-Konċilju ta' Ġerusalemm. Il-Knisja ma tista' qatt tkun l-istrument f'idejn Ġesù biex iwassal is-salvazzjoni lil kulħadd – ħadd eskluż – jekk mhijiex lestha li tmur għand kulħadd.

Fil-każ tal-pubblikani u l-midinbin, huma kienu qegħdin jaċċettaw lil Ġesù u allura s-salvazzjoni li ried u kien mibgħut biex iwasslilhom. L-oħrajn jidhrilhom li jafu aħjar u Ġesù ma jmissux jagħmel kif jagħmel. Ġesù huwa ppreżentat bħala dak li hu għal kollox kontra l-esklużjoni tal-midinbin minn ħajtu. Fil-fatt diġà tidher differenza kbira bejn Ġesù u l-Fariżej. Il-kelma "Fariżew" minnha nfisha tfisser "maqtugħ", f'żewġ sensi: li hu maqtugħ mill-oħrajn minħabba t-tip ta' ħajja li jgħix biex ikun ta' eżempju għalihom, imma wkoll maqtugħ mill-oħrajn biex ma jitniġġisx minnhom minħabba l-ħafna liġijiet ta' purità li kien iħaddan bħala Fariżew.

It-tgemgim ta' dawn il-Fariżej u l-kittieba li jissemma fil-v.2 kien tgemgim serju ħafna. Fl-Iskrittura t-tgemgim mhuwiex diżapprovazzjoni ta' metodi, gosti, kontenut! Huwa diżapprovazzjoni tal-għażla min-naħa ta' Alla ta' Ġesù jew tal-magħżula tiegħu – Mosè, ngħidu aħna. Huwa tgemgim dirett kontra Alla. Mela l-għan tal-parabbola jieħu dimensjoni ferm ikbar mill-fatt biss ta' Ġesù li jiġġustifika l-metodu u l-missjoni tiegħu – huwa difiża u ġustifikazzjoni tal-pjan u r-rieda nfushom ta' Alla!

Wieħed mis-sisien li fuqhom hija mibnija l-parabbola huwa l-universalità tas-salvazzjoni, li f'Luqa hija suġġett trattat bil-kbir. Is-salvazzjoni hija għal kulħadd, u huwa Alla li jrid hekk. Ngħidu aħna: meta nqabblu l-missjoni ta' Ġwanni l-Battista bħala prekursur ta' Ġesù l-Messija fit-tliet Evanġelisti Sinottiċi (Mattew, Mark u Luqa), nistgħu naraw kemm Luqa jagħmel minn kollox biex iwassal dan il-

messaġġ. Nafu li Mark kiteb l-ewwel; Mattew u Luqa ħadu minn Mark. X'għamlu b'dak li ħadu minn Mark, jagħtina stampa tajba ta' fejn riedu jitfgħu l-enfasi. Anzi, terġa', hawnhekk għandna l-Evanġelisti jikkwotaw lil Iżaija:

| Mt 3,1-3 | Mk 1,1-3 | Lq 3,3-6 |
|---|---|---|
| [1] F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija [2] u jgħid: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet." | [1] Il-Bidu ta' l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla, | [3] U ġie (Ġwanni l-Battista) fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet, |
| [3] Għax għalih kien ingħad permezz tal-profeta Iżaija, meta qal: | [2] bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta, "Ara, jien nibgħat qablek il-ħabbâr tiegħi biex iħejji triqtek. | [4] kif hemm imniżżel fil-ktieb tal-profeziji ta' Isaija: |
| 'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.' | [3] 'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.' | 'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu. |
| | | [5] *Kull* wied jimtela u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet mgħawġa jiddrittaw, u t-triqat imħarbta jitwittew. [6] U l-bnedmin *kollha* jaraw is-salvazzjoni ta' Alla.' |

Luqa jikkwota wkoll – bħal Mark u Mattew – lil Iżaija 40, 3-4, imma jibqa' jikkwota l-v.5 wkoll ... għax hemm għandu s-suġġett tal-universalità tas-salvazzjoni wkoll. Allura jinkludiha ma' dak li jikkwota Mark (u Mattew).

Mod ieħor kif Luqa jenfasizza l-universalità tas-salvazzjoni huwa b'dawk li jissejħu d-*doublets* Lukani. *Doublets* huma żewġ stejjer, imqegħdin wara xulxin, jew paralleli ma' xulxin. Luqa fid-*doublets* tiegħu jinkludi stejjer li fihom raġel u mara huma l-protagonisti: tħabbira lil Żakkarija u tħabbira lil Marija; l-anzjani Xmun u Anna fit-Tempju; ir-rakkonti provokattivi ta' Nagħaman tas-Sirja (pagan u marid bil-ġdiem) u l-Armla (mara, pagana u armla) ta' Sarefta ta' Sidon. Il-mara milwija mfejqa nhar ta' Sibt (kap 13) u r-raġel b'idu niexfa, li wkoll jitfejjaq nhar ta' Sibt (kap 14). Is-salvazzjoni ma tagħmilx differenza bejn raġel u mara!

L-istess tema ta' dak li joffri Alla lill-midinbin mitlufa Luqa jirrisolviha b'żewġ parabboli fejn ragħaj (raġel) tintiliflu nagħġa, u mara tad-dar (mara) tintilfilha drakma. Dak li jagħmel ir-ragħaj u dak li tagħmel il-mara huwa l-istess ... u l-ferħ tat-tnejn meta jsibu dak li tilfu huwa rrakkuntat bl-istess kliem eżatt.

Il-vv.4 u 8 – “min hu dak fostkom, li … ma … ” u “min hi dik il-mara, li … ma ...” Fil-Grieg hija sentenza mibnija b’mod ċar ħafna ta’ mistoqsija li titlob tweġiba pożittiva: iva, kull ragħaj fostna jagħmel hekk; kull mara tad-dar tagħmel hekk! Allura ż-żewġ parabboli nnifishom iwasslu lis-semmiegħa biex diġà jaċċettaw id-dinamika li qiegħed jippreżenta Ġesù. Iż-żewġ konklużjonijiet għaż-żewġ parabboli – li Ġesù fihom japplika dak li jagħmel kull raġel u mara għal dak li jagħmel Alla huma l-istess, u fl-istess ħin jispjegaw lil xulxin. Jgħaqqad flimkien iż-żewġ parabboli u dak li jagħmel Alla Luqa jagħtina l-ferħ li jħossu r-ragħaj, il-mara u Alla. Luqa ma jgħidx kemm jifraħ Alla, imma kemm ikun hemm ferħ fis-sema għal midneb wieħed li jindem. Il-kelma sema, li fil-Lhudi huwa plural (*xemajim*, smewwiet), hija isem ieħor flok l-isem ta’ Alla.

Allura min jisma’ l-parabboli jrid bilfors jaċċetta l-loġika tagħhom, japplika l-konklużjoni



għal dak li jagħmel Alla ... u jisfida lilu nnifsu jekk hu hux qiegħed iġib ruħu fil-ħajja kif iġib ruħu Alla bħalma r-ragħaj iġib ruħu man-nagħġa u l-mara mad-drakma li ntilfu: b'insistenza kbira biex isibhom, u b'ferħ kbir hekk kif isibhom.

Imma hemm punt ieħor li l-parabboli u l-konklużjonijiet iwasslu ... u li min jismagħhom irid jgħarbel il-kuxjenza jekk hux jagħmel hekk hu wkoll. Il-parabboli jagħtu d-dettalji ta' x'jagħmel ir-ragħaj u l-mara malli jsibu n-nagħġa u d-drakma: isejħu lill-ħbieb u lill-ġirien, biex jifirħu magħhom għax sabuhom. Ir-ragħaj u l-mara jdaħħlu fil-ferħ bla qies (u sproporzjonat) tagħhom lill-oħrajn. Ma jifirħux huma biss. Imma ninnutaw li dawn l-oħrajn huma "ħbieb u ġirien". Applikati għal Alla u l-ferħ tiegħu, Hu jdaħħal f'dak il-ferħ ukoll lill-ħbieb u l-ġirien. Jekk il-parabboli huma rrakkuntati lill-Fariżej u l-kittieba (ara l-v.1), Luqa qiegħed jgħid li għal Ġesù anke l-Fariżej u l-kittieba huma meqjusa bħala ħbieb u ġirien.

"Intom ħbieb u ġirien; intom ta' ġewwa: ejja nifirħu flimkien li l-pubblikani u l-midinbin qegħdin jersqu lejja bi ħġarhom biex jisimgħu l-kelma ta' salvazzjoni, fejqan u ħelsien tiegħi!" Dan li jrid jgħid Ġesù lill-Fariżej u lill-kittieba bil-parabbola.

## Xi dettalji fil-parabboli:

- il-preġudizzji lil Ġesù u lill-Evanġelisti jagħtuhom wisq ġewwa! It-terminu "pubblikani" huwa ġeneralment abbinat ma' "midinbin". F'sens letterarju tfisser "il-pubblikani LI HUMA midinbin" ... u mhux kollha kienu hekk!! Żakkew huwa każ tipiku, u Żakkew kien Kap tal-Pubblikani. Imma ismu stess, Żakkaj bil-Lhudi, ifisser proprju "innoċenti"! Il-preġudizzji kienu jkissru l-komunitajiet ... u għadhom ikissruhom, u lill-Knisja!
- il-Fariżej u l-Kittieba ma kellhomx problema dwar l-ikel u l-ikliet tal-Pubblikani, imma li Ġesù, Lhudi u Mgħallem, jitħallat u jkun ta' ġewwa magħhom;
- id-dettalji tal-parabboli jridu jinqraw fil-kwadru wiesa' tal-messaġġ sħiħ: sproporzjon tat-tfittxija għal dak li ntilef. U sproporzjon għall-ferħ li wrew ir-ragħaj u l-mara għas-sejba: nefqu ħafna iktar minn dak li sabu biex jifirħu mal-ġirien u l-ħbieb. Għax fil-mentalità Lhudija ma tifraħx ma' ħbiebek jekk mhux billi tagħmel festa;
- iż-żewġ parabboli jsibu r-*resolution* tagħhom fil-ferħ id-dar: ir-ragħaj ma jiħux in-nagħġa lura mal-bqija tal-merħla imma d-dar; il-mara tiknes u tfittex id-dar. Alla jħossu f'postu ħafna meta l-midneb jerġa' lejn id-dar; kif ngħidu bl-Ingliż: *he feels at home*; u jrid li l-midneb iħossu hekk hu wkoll;
- li tfittex nagħġa fid-deżert u drakma fl-art ħarxa ta' djar Lhud turi ftit mill-isforz li jsir biex jinstabu, u minn kemm hu prezzjuż dak li ntilef għal min ifittex: l-istess jiġri fis-smewwiet!!



- il-midneb jagħmel il-parti tiegħu: Alla jħobb lill-midneb kif inhu biex jurih li jemmen fil-qawwa li hemm fih li jsir aħjar!
- il-paragun ma jistax jittieħed letteralment: huwa tip ta' paragun imsejjaħ *geżera xava – a minore ad maius* - fir-regoli ta' l-interpretazzjoni Rabbinika. Fil-fatt il-parabbola tad-drakma tispjega dan il-paragun ("ikun hemm ferħ iktar għal wieħed midneb li jindem milli għal 99 li ma għandhomx bżonn ta' ndiema" spjegat minn "l-istess ferħ ikun hemm għal midneb wieħed li jindem". Dan il-paragun ma jfissirx li aħjar tkun nagħġa li tlaqt mill-bqija tal-merħla jew drakma mitlufa, jew midneb! Ifisser li wkoll jekk inti midneb, Alla ma jqisekx inqas minn dawk li huma tajbin. Għal Alla kemm it-tajbin u kemm il-midinbin huma wliedu għeżież.

## Konklużjoni

Alla jinteressah ħafna li l-bnedmin kollha jkunu wliedu l-aktar maħbuba u li hu jkun Missier għalihom kollha. Jekk xi ħadd minnhom jitbiegħed minnu jixtieq jarah jerġa' lura fi ħdanu. Alla mhux li jikkastiga lill-midneb irid imma li l-midneb jagħraf sewwa kemm imħabba tilef meta tbiegħed, u jerġa' lura ħalli jkompli jgawdi dik l-imħabba.





# IS-SEHEM SĦIĦ TAN-NISA FL-ATTI TAL-APPOSTLI

*Mons. Lawrenz Sciberras*

Wara li fl-aħħar tliet ħarġiet tajna ħarsa ta' kif Luqa jinkwadra n-nisa fil-ħajja attiva u l-missjoni ta' Ġesù, sewwa li nkomplu nkabbru u nwessgħu din l-ottika u nixħtuha wkoll fl-Atti ta' l-Appostli. Ma ninsewx li kemm it-tielet Vanġelu kif ukoll l-Atti kitibhom l-istess bniedem, Luqa. Mela dak li l-evanġelista kiteb dwarhom fit-tielet vanġelu, kompla wessa' dwarhom issa fl-Atti wkoll.

## Fil-bidu tal-Knisja

Meta wieħed jitkellem mill-Atti dan ma għandux jinsa iż-żmien ta' l-ewwel Lhud-Insara, mela l-ewwel kumunità li ffurmaw u bnew il-Knisja ta' Kristu. Nies li bdew jemmnu f'Ġesù u t-tagħlim li xandar u wara bdew jiltaqgħu f'ċertu djar partikulari biex jiċċelebraw l-ewkaristija hemm fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Luqa ġabar esperjenza wiesgħa ħafna fil-konfront li kellhom dawn in-nisa ma' Ġesù. Dawn in-nisa esperjenzaw waħda sew il-qawwa salvifika u li tfejjaq ta' Ġesù. Għalhekk akkost ta' kollox riedu li jkomplu jimxu warajh. Din il-qawwa li dawn in-nisa akkwistawha żgur li ma kienu għadhom qatt ma għaddew minnha. Għalhekk il-konklużjonijiet ta' dawk li fiequ kienu kollha favorevoli għal Ġesù, ħwejjeġ bħal dawk ħadd qatt ma kien għadu għamilhom!

**L-Ewwel**: L-Atti ma joqgħodx lura milli juri kemm in-numru ta' dawk li tfejqu minn Ġesù u issa mill-appostli kien wieħed kbir tassew. U dan kemm irġiel kif ukoll nisa, assolutament mingħajr ebda għażla ta' ħadd u ta' xejn. Grazzi għal dan il-fejqan mirakoluż li kien dejjem jiżdied "l-għadd ta' dawk li kienu jemmnu fil-Mulej, kemm irġiel u kemm NISA, kien dejjem jiżdied u joktor, hekk li kienu wkoll iġorru l-morda tagħhom fuq sodod u mtieraħ u jqegħduhom fil-pjazez biex xħin jgħaddi Pietru, jaqa' mqar id-dell tiegħu fuq xi ħadd minnhom" (Atti 5,14-15). X'riflessjoni profonda jagħmel Luqa dwar din il-kwalità ta' fejqan!

**It-tieni**: Luqa ma jagħmilx riferenza ta' fejqan b'mod ġenerali biss, imma jsemmi wkoll diversi eżempji ta' nisa li fejquhom l-appostli, ibda naturalment mill-kap tagħhom Pietru. Hekk ġara ma' Enea ta' Lidda: "Enea Ġesù Kristu fejqek: qum u ifrex is-sodda inti stess" (Atti 9,34). Hemm imbagħad il-miraklu tal-qawmien ta' Tabita mill-mewt, mara li kienet tagħmel ħafna karità u għemejjel tajba (Atti 9,36-42). Luqa ħass li dawn in-nisa jsemmihom b'isimhom l-ewwel biex juri li dawn il-mirakli seħħew tassew,



it-tieni biexi kompli jgħolli ’l fuq il-persuna tal-mara li kienet tant għadha baxxa.

## Għajnuna attiva

Dawn in-nisa taw ukoll għajnuna attiva ħafna fil-missjoni tal-appostli, hekk dawn l-irġiel setgħu mingħajr ħafna tfixkil ikomplu jxandru l-Vanġelu. Ta’ min isemmi n-negozjanta tal-porpra Lidja mara minn Tijatira: Din wara li kkonvertiet waslet biex toffri id-dar tagħha stess lill-appostlu Pawlu ħalli jkollu fejn jistkenn. (Atti 16,15) Dan kien tassew ta’ soljev għal Pawlu wara li dan l-appostlu kien jgħaddi ġranet sħaħ jippriedka minn post għal ieħor.

Koppja oħra li wriet ukoll ma’ Pawlu l-imħabba tanġibbli tagħha kienet il-koppja Akwila u martu Prixxilla. Dawn kienu Lhud imma joqogħdu Ruma. L-imperatur Klawdju ordna biex il-Lhud kollha jitilqu ’l barra minn Ruma, minghajr ebda eċċezzjoni ta’ ħadd. Issa b’xorti tajba din il-koppja kienet taħdem it-tined, l-istess sengħa li kien iħaddem Pawlu. Ma’ dawn ukoll Pawlu sab għajnuna tassew utli u f’waqtha.

Biżżejjed wieħed jgħid li din il-koppja kompliet takkumpajna lil Pawlu minn Ateni sa Efesu (Atti 18,18). Pawlu għalhekk baqa’ jiftakar sew f’din il-koppja, u kemm ghajnuna sab minn ghandha, tant li fit-tislijiet li l-appostlu wassal fl-ittra lir-Rumani, Pawlu jsemmi lil din il-koppja: “Selluli għal Prixxilla u Akwila, li ħadmu miegħi fi Kristu Ġesù” (Rum 16,3).

Ġrajja oħra fejn tidher sew l-għajnuna tan-nisa ma’ l-appostli huwa dak ta’ Marija omm Ġwanni li jgħidulu Marku. Din ħalliet għad-dispożizzjoni ta’ l-appostli d-dar tagħha stess, u hemm kienu jiltaqgħu biex jitolbu flimkien (Atti12,12). Madwar xi wħud min-nisa ġie iffurmat ċirku ta’ ċerta familjarità, kif jidher sew ħafna mit-tislijiet li Pawlu jagħti fl-ittra lir-Rumani kapitlu 16. Din il-ħaġa issa ħajja u attiva tan-nisa, Luqa nnotaha waħda sew u ħass li għandu jirreġistraha biex tibqa’ miktuba hemm. Dawn in-nisa dejjem minħabba il-kuntatt tant qawwi li issa nisslu ma’ l-appostli, kellhom ukoll jgħaddu minn persekuzzjonijiet li għaddew



minnhom id-dixxipli ta' Ġesù. Każ tipiku huwa dak ta' Sawlu ta' Tarsu qabel ma ikkonverta hemm fit-triq ta' Damasku: "Sadattant Sawl kien qiegħed jagħmel ħerba mill-Knisja; kien jidħol minn dar għal oħra, jaqbad irġiel u nisa u jitfagħhom il-ħabs" (Atti 8,3). Ara wkoll Atti 9,22).

## Dawk li jibżgħu mill-Mulej

Luqa jiddedika attenzjoni partikulari għal dawk in-nisa li "jibżgħu mill-Mulej"; aktarx li dawn kienu proseliti tal-Ġudaiżmu li semgħu lil Pawlu jxandar it-tagħlim ta' Kristu u ddeċidew li jimxu warajh. Fosthom ta' min isemmi li Tamaris (Atti 13,50; 17,4. 12.34). Fil-vjaġġ ta' Pawlu lejn Ruma, sewwa sew f'Tir, inġabru bosta "nisa u tfal" biex isellmu kemm lil Pawlu kif ukoll lil sħabu. Din il-ġrajja Luqa jikkonkludiha hekk: "Imbagħad ilkoll inżilna għarkopptejna f'xatt il-baħar, u tlabna; sellimna lil xulxin, aħna tlajna fuq il-ġifen u huwa reġgħu lura lejn djarhom (Atti 21,6). Dan it-talb li sar min-nisa u tfal proprju fuq xatt il-baħar jissiġilla kemm din il-familja ġdida ta' Alla kienet tħobb u tistma lil appostlu Pawlu. Xena oħra tal-Atti li tqanqlek tassew!

F'Ċesarija ta' ħdejn il-baħar Mediterran id-djaknu Filippu jilqa' għandu lil Pawlu. Dan Filippu kellu erba' xebbiet u li dawn kellhom id-don tal-profezija (Atti 21,8s), l-istess don li kellu Agabu (Atti 21,10s). Dan Filippu wieħed mis-seba' djakni bil-ferħ kollu laqa' għandu lil Pawlu u flimkien ma' wliedu kompla bis-sħiħ ma' Pawlu. Hekk mela seħħ tassew dak li ġara u baqa' jiġri f'jum il-Pentekoste ġewwa Ġerusalemm: Jiġifieri li jħabbru wliedkom subien u bniet" (Atti 2,17). Dan il-kwalità ta' tagħlim diġà kien ħabbru l-profeta Ġoel. Minn dan jidher sew kemm ir-responsabiltà tat-tagħlim favur l-evanġelju issa kull ma jmur qed jinfirex u jitwessa' waħda sew. Minn familja waħda fil-każ tagħna dik tad-djaknu Fiippu l-erba' bniet tiegħu jibdew jipprofetizzaw!

## Nisa u Rġiel

Mela f'kull sens, Luqa ma jidhirx li jagħmel differenza bejn in-nisa u l-irġiel li jaħdmu bis-sinċerità f'din il-komunità ġdida tal-Insara. Hekk Luqa qed joħroġ fil-beraħ u jikkonferma l-istess trattament li ġab ruħu bih Ġesù meta ttratta man-nisa. Hekk ibda minn Ġesù u issa wieħed jista' jarah ukoll iseħħ qalb l-appostli, dawn kellhom il-kuraġġ u rebħu kull preġudizzju miskin kontra n-nisa. Quddiem Alla ma hemm ebda differenza fis-sess.

In-nisa bdew jerfgħu responsabiltà mhux biss fil-karità u għajnuna oħra materjali magħmula ma' nies tant fil-bżonn, imma wkoll ir-rwol ta' predikazzjoni u tagħlim ieħor; basta dejjem ikun konformi ma' dak tal-Vanġelu. Hekk Luqa qed juri li x-xandir tal-vanġelu min-nisa, dak li dejjem kemm kien possibbli, Luqa ħejja b'mod ċar il-moviment ta' żminijietna, dak tan-nisa.



# IL-VIA DOLOROSA (4)

*Mużajk wara l-altar: Ġesù msammar mas-Salib*

**P Twanny Chircop ofm**

## X Stazzjon : Ġesù mneżżaʼ minn ħwejġu

Żewġ turġien wieħed fuq naħa u l-ieħor fuq oħra jiħduk fuq il-Golgota li llum hija 5 metri fuq il-livell tal-bażilika. Il-Kalvarju huwa maqsum f'żewġ partijiet minn żewġ navati-kappelli; pilastri kbar ħafna jisseparaw dawn iż-żewġ partijiet. Din is-separazzjoni turi d-dritt tal-



*Bażilika tal-Qabar ta' Kristu -*
*L-Għolja tal-Golgota*

proprjetà tal-komunità nisranija; il-kappella fuq in-naħa tax-xellug tappartjeni għall-Griegi Ortodossi, dik tal-lemin għall-Knisja Kattolika, rappreżentata mill-Franġiskani.

Fin-naħa tal-Franġiskani, dik tal-lemin, tiġi mfakkra l-ġrajja ta' meta Ġesù ġie mneżża minn ħwejġu: "Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti" (Mt 27,35; cf. Mk 15,24; Lq 23,34b). Ma' din id-deskrizzjoni l-evanġelista San Ġwann iżid interess partikulari. Wara li sammru lil Ġesù mas-salib, is-suldati "… ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: 'Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil minn tmiss jeħodha" (Ġw 19,23-24). F'din il-ġrajja l-evanġelista raha t-twettiq tal-profezija biblika: "Ħwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti" (Sal 22,19). Din il-kwotazzjoni hija meħuda minn salm tal-lamentazzjoni, fejn il-ġust sofferenti jirrakkonta l-umiljazzjoni u l-uġigħ tiegħu, imma juri fidi kbira quddiem ir-rieda ta' Alla li ssalva. Parti minn dan is-salm insibuh iktar tard fuq fomm Ġesù fil-mument ta' agunija fuq is-salib (Mk 15,34; Mt 27,46).

Nimxu ftit 'il quddiem ġo l-istess kappella, u naslu quddiem l-artal li jindika l-post tal-ħdax il-stazzjon.

## XI-il Stazzjon: Ġesù msammar mas-Salib

"Hemm sallbuh" (Ġw 19,18; cfr. Mt 27,35; Mk 15,24; Lq 23,33); din il-frażi f'żewg kelmiet tiddeskrivi wieħed mill-akbar turmenti krudili tal-bniedem. Il-vanġeli ma tawniex id-dettalji tat-tislib, forsi minħabba l-biża' li kienet tqanqal din il-piena tal-mewt, jew forsi għax f'dak iż-żmien kienet xena li kulħadd kien jaf biha; x'jiġri. Wara li meddew lil Ġesù ma' l-art, is-suldati sammrulu jdejh u saqajh ma' l-għewda tas-salib (Ġw 20,25.27; ukoll dak li jgħid il-profeta Isaija 53,5 "Hu ġie minfud minħabba fi dnubietna"). Ma tridx ħafna immaġinazzjoni biex tifhem it-tbatija li għadda minnha l-imsallab dak il-mument. Wieħed jista' jġib quddiem għajnejh dak li naraw fil-*films* li ħafna drabi huwa realistiku. Biżżejjed insemmu l-famuż film *The Passion of the Christ* li ħareġ fl-2004 u li qajjem ħafna kontroversja, fejn ir-reġista amerikan Mel Gibson iddeskriva l-aħħar 12-il siegħa ta' Ġesù sa l-inqas dettal. Il-film qajjem ħafna kritika, u din kienet fuq diversi aspetti; xi kritika negattiva kienet ġustifikata (għal ħafna ma ntgħoġbitx il-makabrità tax-xena tal-flaġellazzjoni); kienet tidher 'il bogħod mir-realtà ta' dak li nsibu fil-vanġeli. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, li ra l-film qabel ma ħareġ fit-teatri ċinematografiċi kkummenta bl-Ingliż u qal, "*It is as it was*", "Huwa bħalma veru ġara".

It-tislib ta' Ġesù hu rappreżentat fuq il-mużajk li jiksi wara l-artal; il-kwadru tal-mużajk juri l-figuri tat-tliet nisa twajba u Ġwanni l-appostlu waqt li qed iħarsu u jikkontemplaw lil Ġesù imsallab. Kwadru ieħor b'xena biblika juri is-sagrifiċċju ta' Iżakk, li skont it-teoloġija nisranija huwa *proto*-tip ta' Kristu. L-artal tal-bronż sar fis-sena 1588, xogħol ta' D. Portigiani, patri Dumnikan minn Firenze.



Diversi xeni mill-passjoni ta' Ġesù huma rappreżentati fuq dan l-artal u fuq il-gandlieri tal-bronż li hemm fuqu; fuq disinn ta' R. Politi.

## XII-il Stazzjon: Ġesù jmut fuq is-Salib

Il-mument kruċjali tal-mewt ta' Ġesù hija imsemmija mill-erba' evanġelisti; anke jekk kull wieħed bil-mod tiegħu, però hemm qbil fis-sustanza. Wieħed ma jistax ma jinnotax id-differenza ta' bejn wieħed u l-ieħor. Frott lil min qed jikteb l-evanġelista. Jidher ukoll il-mod personali li bih l-awturi sagri ġew ispirtati; is-sensibiltà letterarja u teoloġika tagħhom.

L-iktar vanġelu antik, dak ta' San Mark, jiddikjara li Ġesù miet fuq is-salib fis-solitudni, abbandunat mid-dixxipli kollha (Mk 14,50: "Imbagħad id-dixxipli tiegħu kollha, *wara l-arrest lil Ġesù fil-Ġetsemani*, telquh u ħarbu") b'eċċezzjoni għal xi nisa (Mk 15,40); saħansitra anke Alla jidher li jħalli din it-traġedja sseħħ, dan jiġi muri fl-għajta ta' Ġesù ftit qabel ma miet: "Alla tiegħi, Alla tiegħi għaliex abbandunajtni?" (Mk 15,34 = Salm 22,2). L-istess għajta nsibuha fil-vanġelu ta' San Mattew (Mt 27,46), iżda mil-ewwel dan l-evanġelista jiddeskrivi b'mod apokalittiku l-ewwel konsegwenzi tal-mewt ta' Ġesù: it-terremot u li l-mejtin iqumu mill-qabar (Mt 27, 51-53).

Fil-vanġelu ta' San Luqa jidher kwadru ħafna differenti: Ġesù jitlob għal dawk li kienu qed isallbuh (Lq 23,34) u jwiegħed il-ġenna lill-ħalliel it-tajjeb (Lq 23,39-43). Luqa jifforma anke b'mod differenti l-għajta tal-aħħar ta' Ġesù: "Missier f'idejk jien nerħi ruħi" (Lq 23,46 = Sal 31,6).

Il-vanġelu ta' San Ġwann jippreżenta (jlibbes) lil Ġesù bħala sultan – bis-salib bħala tron ta' glorja – li qed iwettaq il-pjan ta' salvazzjoni ta' Alla: "wara dan Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal: 'Għandi l-għatx!' Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba tal-issopu, u ressquhielu lejn ħalqu. Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: 'kollox hu mitmum!'

Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu." (Ġw 19,28-30). Salib imwaħħal mal-blat naturali tal-Golgota, protett mill-ħġieġ, jagħmel preżenti, għal dawk li jemmnu u l-viżitaturi, ix-xena tal-mewt ta' Ġesù. Dan il-post kien l-istrument tal-fidwa tagħna u dan hu l-post eżatt fejn miet l-Iben ta' Alla, imħabbar lid-dinja mill-fidi Nisranija. Fil-blat tidher il-qasma li ffurmat fil-mument fejn "L-art theżhżet, il-blat inqasam." (Mt 27,51). Din il-qasma dritta fil-blat wieħed jista' jaraha aħjar fil-kappella ta' Adam eżatt taħt il-Kalvarju.

## XIII-il Stazzjon: Ġesù imnizzel mis-Salib

Waqt l-agunija tas-Salvatur Ommu kienet taħt is-salib, flimkien mal-appostlu Ġwanni u xi nisa. Altar żgħir, tal-Patrijiet Minuri imqiegħed bejn iż-żewġ kappelli, huwa ddedikat lill-Verġni Addolorata u jindika il-post tat-tlettax-il stazzjon. Hawn Marija minn fomm binha li qed imut fuq is-salib semgħet il-kelmiet: "Mara hawn hu ibnek!" (Ġw 19,26) hawn ukoll skont it-tradizzjoni, irċeviet fi ħdana il-ġisem mitluq ta' binha mniżżel mis-salib. Rappreżentazzjoni ta' Marija bis-sejf f'qalbha, tfakkar il-profezija tax-xiħ Xmun waqt il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju; lil Marija jgħid dawn il-kelmiet "… u int ukoll sejf għad jinfidlek ruħek" (Lq 2,35). Il-profezija ta' Xmun seħħet fuq il-Golgota, meta d-dulur kkawżat mill-mewt ta' binha bħal sejf nifdilha qalbha.

Il-vanġeli jaqblu li huwa mertu ta' Ġużeppi ta' Arimatija għall-mod kif ġie mniżżel u midfun



*Bażilika tal-Qabar ta' Kristu - L-Altar tal-Golgota*

il-ġisem ta' Ġesù. San Mark jgħidilna li wara li niżlet ix-xemx "Ġużeppi minn Arimatija, membru magħruf tal-kunsill, li hu ukoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla, għamel il-ħila, daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsih jekk kienx ilu li miet. Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi" (Mk 15,43-45). Luqa jiddefinixxi lil Ġużeppi bħala "raġel ġust u tajjeb" (Lq 23,50); Ġwanni jippreċiża "… li kien dixxiplu bil-moħbi għax kien jibża' mil-Lhud" (Ġw 19,38), u jżid ukoll li mar għand Pilatu flimkien ma' Nikodemu "dak li qabel kien mar għand Ġesù bil-lejl" (v. 39). Dak li għamlu Ġużeppi u Nikodemu jixraqlu tifħir, meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-iġsma tal-ikkundannati soltu kienu jitħallew mas-salib bl-iskop li jiġu rredikulati mill-poplu, jew bħala ikel għall-għasafar jew annimali feroċi.

Biex wieħed jasal għall-aħħar stazzjon tal-Via Crucis, irid jinżel minn fuq il-Golgota jgħaddi minn quddiem il-blata tal-unzjoni, li tfakkar ir-rit funebru magħmul minn Ġużeppi u Nikodemu; qabel ma l-ġisem ta' Ġesù tqiegħed fil-qabar dilkuh bil-fwejjaħ u kebbewh fil-faxex (Ġw 19,38-40). Ftit metri 'l bogħod kif iddur fuq il-lemin waqt li tgħaddi minn bejn il-kolonni kbar tar-rotunda tal-*Anastasis* (Qawmien), tiġi ħdejn il-qabar tal-Mulej.



*Bażilika tal-Qabar ta' Kristu - Mużajk fid-daħla*

## XIV-il Stazzjon: Ġesù midfun f'qabar ġdid

L-episodju tad-difna ta' Ġesù, bħal dak ta' qablu tad-depożizzjoni, huwa rrakkontat mill-erba' evanġelisti; kollha jindikawlna b'mod eżatt il-post u x-xhieda tal-ġrajja. Wara li qalgħu il-permess mingħand Pilatu biex jieħdu l-ġisem ta' Ġesù, Ġużeppi minn Arimatija, "… xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat; imbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar." (Mk 15,46) L-oqbra mħaffra fil-blat kienu ħaġa komuni dak iż-żmien, anke jekk is-sinjuri biss kienu jistgħu jixtru dawn; il-fqar kienu jidfnuhom direttament fl-art; fil-ħamrija. Il-qabar ta' Ġużeppi – kif juruna u jissottolinjaw l-awturi bibliċi – kien ġdid, li ħadd ma kien indifen fih (Mt 27,60; Lq 23,54; Ġw 19,41). Fuq kollox San Mattew jippreċiża (Mt 27,60) li l-qabar kien magħmul għal Ġużeppi: "… qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, …".

Fonti ta' informazzjoni, dejjem interessanti, huwa l-kwadru li jagħtina ir-raba' evanġelista "Fejn kienu sallbu lil Ġesù kien hemm ġnien, u f'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu lil ħadd. Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib" (Ġw 19,41-42). Minn dan joħroġ ċar li l-qabar kien ftit metri 'l bogħod mill-Golgota. U dan jiġi kkonfermat anke illum fl-istruttura tal-bażilika tal-qabar ta' Kristu. Mill-ġnien ma baqa' xejn, mentri l-blata tal-Golgota u l-qabar ta' Kristu jinsabu fil-post oriġinali tagħhom.

Il-qabar ta' Kristu illum jinsab taħt kappella rettangolari, b'koppla fuqha. Il-kappella hija maqsuma f'żewġ partijiet. Dik ta' ġewwa hija l-veru kamra tad-dfin; fuq il-lemin hemm bank miksi bl-irħam, li jindika l-post fejn qiegħdu lil Ġesù. Din il-posizzjoni taqbel mar-rakkont tal-vanġelu: in-nisa "Daħlu fil-qabar, u raw żagħżugħ, bil-qiegħda n-naħa tal-lemin, …" (Mk 16,5). Il-qabar ta' Ġesù huwa ta' tip hekk imsejjaħ *ad arcosolium*: niċċa monumentali, imżejna u mibnija fuq ħnejja. Ta' l-istess tip huwa l-qabar tal-Madonna ġewwa l-wied tal-Kedron.

Meta Marija ta' Magdala daħlet fil-qabar, "… rat żewġ anġli lebsin l-abjad, bil-qiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù." (Gw 20,12) Din l-informazzjoni prezzjuża tatina ċ-ċertezza li l-ġisem ta' Ġesù kien imqiegħed fuq bank arkat u mhux fil-qabar l-ieħor li hemm fil-qrib li huwa ta' tip *kochim* (l-hekk imsejjaħ 'qabar forn', għax il-ġisem tal-mejjet kien jiġi mdaħħal ġol-blat qisu ġewwa forn); f'qabar bħal dan l-anġli ma kinux jistgħu joqogħdu bil-qiegħda.

It-tieni parti tal-qabar ta' Kristu (il-parti ta' quddiem mid-daħla) hemm kappella żgħira, *vestibulum*, fejn kienu jlibbsu u jidilku lill-mejjet, imsejħa il-kappella tal-anġlu. L-isem ġej mir-rakkont ta' Mattew: "Meta



għadda s-Sibt, maż-żerniq tal-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar. U ara, nħasset theżhiża kbira għax niżel anġlu tal-Mulej mis-sema, u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bil-qiegħda fuqha." (Mt 28,1-2). Fin-nofs tal-kappella wieħed jista' jara parti minn din il-blata li kważi tagħlaq id-daħla tal-qabar. Is-soltu din il-ġebla kienet tkun kwadra, u rari kienet tkun tonda. Biex tipproteġi l-qabar mil-profanazzjoni l-ġebla kienet tkun kbira u tqila ħafna. Għalhekk meta in-nisa marru fejn il-qabar biex jidilku lil Ġesù kienu mħassbin ħafna; "U bdew jgħidu lil xulxin: 'Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?' Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna." (Mk 16,3-4; Mt 27,60b; Lq 24,2; Ġw 20,1: il-verb *kylío* bil-grieg ifisser: iddawwar, tmexxi, għalhekk huwa diffiċli tgħid jekk il-ġebla tal-qabar ta' Kristu kinitx kwadra jew tonda. Ġewwa Ġerusalemm hemm ippreservati xi uħud minn dawn il-ġebel. Waħda minnhom hija tonda, li tinsab fejn l-oqbra tar-rejiet; oħra tinsab viċin il-lukanda famuża King David, fejn fl-1892 ġiet skopert qabar li jgħidu huwa tal-familja ta' Erodi.

Id-difna ta' Ġesù hija l-aħħar stazzjon tal-Via Crucis. Imma ċ-ċentru tal-misteru tal-Għid jinsab f'avveniment ieħor; il-qawmien ta' Kristu. Skont il-fidi nisranija, hu ħareġ mill-qabar għall-ħajja ta' dejjem u l-qabar vojt ġo Ġerusalemm jipproklama lid-dinja din il-verità inkredibbli: hawn Kristu qam mill-mewt! Kif jaffermaw il-vanġeli, n-nisa li baqgħu fidili lejn l-Imgħallem osservaw b'attenzjoni fejn qiegħdu l-ġisem mejjet tiegħu. (Mk 15,47; Mt 28,61; Lq 23,55-56) u wara s-Sibt marru fl-istess post biex b'għaġeb kbir isibu l-qabar vojt (Mk 16,1-8; Mt 28,1-10; Lq 24,1-11; Ġw 20,1-18). Lil nisa mwerwra deher anġlu tal-Mulej u li farraġhom billi qalilhom: "Tibżgħu xejn intom għax jiena naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. M'huwiex hawn, għaliex qam, kif kien qal. Ejjew araw il-post fejn kien qiegħed. U

morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu li hu qam mill-imwiet." (Mt 28,5-7)

Waqt li l-insara jimxu il-*Via Dolorosa* jgħixu mill-ġdid dawn il-ġrajjiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Ifakkru d-dramm uman ta' Ġesù u jikkontemplaw il-passjoni tal-Iben ta' Alla, li minnha wasslet is-salvazzjoni tad-dinja. Matul din it-triq tista' tara fuq l-uċuħ tagħhom d-dulur, sentimenti li ma għandhomx bżonn spjegazzjoni: huwa diffiċli ħafna biex issib lil xi ħadd li qatt ma akkumpanja funeral. Imma fl-aħħar ta' din il-mixja ma' ġenb il-bniedem tad-dulur, wara li poġġew il-ġisem fil-qabar, il-qlub tal-insara mtlew (għandhom jimtlew!) bil-ferħ u t-tama, frott tal-fidi radikata fit-tħabbira tal-vanġelu. Dan il-qabar għandu l-privileġġ li hu xhud tal-mewt ta' Kristu u issa jibqa' xhud tal-Qawmien. Mhux esaġerat li wieħed jgħid li t-Triq tas-Salib, b'xi mod parabbola tal-eżistenza umana, hija mixja, permezz tas-sofferenza u l-mewt, għall-glorja u l-ħajja eterna. Liema bniedem ma jittamax, ftit jew wisq konxjament, li din ix-xewqa, li hija innata fil-bniedem issir realtà? Din it-tama tal-umanità trid tiġi msaħħa u maħruġa għad-dawl mid-dixxipli ta' Kristu: huma jridu jkunu x-xhieda tal-Qawmien; xogħol sabiħ imma diffiċli, bħal ma kien f'dik il-għodwa memorabbli fejn il-qabar vojt ta' Kristu, meta l-anġlu jafda dan ix-xogħol għall-ewwel darba lin-nisa: "Isaw morru għidu lid-dinja kollha: il-Mulej qam mill-mewt."





# L-APOKRAFI

***Fr. Charles Buttigieg***

*"L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba."*
*(2 Tim 3:16-17)*

## *Ħarsa ġenerali lejn il-Kotba Apokrifi*

### Il-kitba Apokrifa

Għalina l-kattoliċi minbarra l-kotba kanoniċi li huma l-kotba ispirati tal-Iskrittura Mqaddsa, hemm il-kotba apokrifi (mill-kelma griega 'apokrypha' li tfisser 'moħbija'). Dawn il-kotba ma ġewx meqjusin bħala ispirati minħabba l-kontenut dubjuż tagħhom u għalhekk ma ġewx inklużi fil-lista tal-kotba kanoniċi tal-bibbja. Ħafna minnhom kienu kitbiet minn ambjenti injostiċi u eretiċi. Fihom anke xi esaġerazzjonijiet żejda u għalhekk ġew moħbijin u mqiegħda fil-ġenb, però żgur li ħallew l-influwenzi tagħhom matul is-snin. Kienu jservu fuq kollox bħala romanzi jew stejjer, iżda mhux dejjem ta' min jorbot fuqhom.

Fid-disgħa u tletin ittra tal-Għid tas-sena 367 w.K., San Atanasju saħaq ħafna fuq id-differenza kbira bejn dawk il-kotba li huma mniżżla fil-kanoni u dawk li huma meqjusa bħala 'apokrifi'. Dan għaliex kien hemm xi eretiċi li kienu jħalltu l-kotba ispirati mal-kotba apokrifi. San Irinew kien jikkonsidra dawn il-kitbiet apokrifi bħala mimlija 'gideb' u Tertuljanu kien jarahom bħala 'foloz'. Ewsebju fit-tielet ktieb tiegħu tal-Istorja tal-Knisja, jagħti lista tal-kotba mressqa mill-eretiċi taħt l-isem ta' l-appostli, u jgħid li dawn għandhom jiġu mwarrba għax huma bla valur u jqarrqu. San Ġirolmu u diversi Missirijiet oħra tal-Knisja ċaħdu dawn il-kitbiet u l-istejjer marbuta magħhom.

### L-Apokrifi tal-Antik u l-Ġdid Testment

Fost l-apokrifi tal-A.T. insibu: l-Apokalissi ta' Elija l-profeta, l-apokalissi ta' Mosè; ta' Baruk; dak ta' Sofonija u l-apokalissi ta' Żakkarija; l-Assunzjoni ta' Mosè; l-Assunzjoni ta' Elija; il-Ktieb tal-Ġubilej; is-Salmi ta' Salamun; it-Testment ta' Abraham, ta' Mosè; it-Testment tat-tnax-il Patrijarka, it-Testment ta' Aser, ta' Benjamin, ta' Dan, ta' Gad, ta' Issakar, ta' Ġob, ta' Ġuda, ta' Levi, ta' Naftali, ta' Reuben, ta' Xmun, ta' Salamun, ta' Żebulon; it-Talba ta' Ġużeppi; il-kitbiet apokrifi ta' Adam; ta' Lamek; ta' Ħabakkuk; ta' Eżekjel; ta' Danjel; ta' Enok; ta' Eldad u Modad u dak apokalittiku ta' Eżra.

Uħud mill-apokrifi tal-Ġ.T. huma: il-Protovanġelu ta' Ġakbu jew it-Twelid tal-Madonna skont Ġakbu (tat-2 seklu w.K.) li fih stejjer dwar il-Madonna u t-twelid ta' Ġesù; il-Vanġelu tal-Pseudo-Mattew (tas-7 u t-8 seklu) li fih xi leġġendi dwar meta San Ġużepp kien fl-Eġittu bil-familja tiegħu; id-dokument tad-Dormizzju tal-Madonna *Dormitio Mariae*, li jitratta dwar il-mewt jew ir-raqda tal-Madonna; il-Manuskritt 404: Arundel (tal-medjuevu) dwar it-twelid ta' Ġesù; il-vanġelu tal-infanzja ta' Tumas jew l-Istorja tal-Infanzja skont Tumas li jirrakkonta ħafna mirakli tat-tfajjel Ġesu` u kif San Ġużepp bħala mastrudaxxa kien jaħdem u jagħmel l-imrieħet tal-injam u għodod oħra għall-għelieqi.

Insibu l-vanġelu Sirjak u Għarbi tal-Infanzja (tas-6 u 7 seklu); il-vanġelu Armen tal-infanzja (tas-seklu 6); il-*Liber de Infantia Salvatoris*; l-Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa (tat-2 seklu); il-Papiru 840: Oxyrhynchus, dwar il-ħajja pubblika ta' Ġesù; il-Papiru 2: Egerton, dwar il-ministeru ta' Ġesù; il-Vanġelu Sigriet ta' San Mark dwar il-ħajja ta' Ġesù; il-vanġelu ta' Pietru dwar il-mewt u l-qawmien ta' Kristu; il-vanġelu ta' Nikodemu jew l-Atti ta' Pilatu; il-vanġelu tal-Lhud; il-vanġelu tal-Ebjoniti; il-vanġelu ta' Barnaba; il-vanġelu ta' Bartilmew; il-vanġelu tal-Eġizzjani; il-vanġelu ta' Marcjone; il-vanġelu tat-Tnax-il Appostlu u l-vanġelu ħafna kontroversjali ta' Tumas. Għandna l-Atti ta' Ġwanni; l-Atti ta' Pietru; l-Atti ta' Pawlu; l-Atti ta' Pawlu u Tekla; il-framment Kopt tal-Atti ta' Pawlu; l-Atti ta' Indrija; l-Atti ta' Tumas li hu xogħol tat-2 seklu u fih 170 kapitlu dwar l-għażla ta' Tumas sabiex jevanġelizza l-Indja u l-ġrajjiet tiegħu hemmhekk. Għandna l-ittri ta' Pawlu lil Laodiċeja, lil Lixandrini u lil Seneca; l-ittra tal-Mulej; l-ittra ta' Abgar; ittra ta' Pietru; l-ittra ta' Pilatu lil Erodi; l-ittra ta' Erodi lil Pilatu; l-ittra ta' Barnaba; l-ittra ta' Lentulus; il-Mistoqsijiet ta' Bartilmew; l-Apokalissi ta' Pietru; l-Apokalissi ta' Pawlu; l-Apokalissi ta' Tumas; ir-Rakkont ta' Ġużeppi minn Arimateja dwar il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu, il-leġġendi ta' Pilatu; l-Istorja ta' Ġakbu, il-Kodiċi ta' Berlin dwar San Pietru; id-Diskors ta' San Ġwann id-Divin dwar ir-raqda tal-Madonna; il-*Virtutes Andreae* dwar San Indrija; il-Psewdo Abdias dwar San Ġwann l-Appostlu u l-*Vindicta Salvatoris* dwar il-Veronika

## Tagħrif mill-Apokrifi

Żewġ dokumenti li jagħtuna tagħrif dwar il-Madonna speċjalment dwar it-twelid, it-tfulija, il-ħajja u l-mewt tagħha huma l-Protovanġelu ta' Ġakbu u d-dokument li jismu r-Raqda ta' Marija, *Dormitio Mariae*.

Il-Protovanġelu ta' Ġakbu jew aħjar kif kien magħruf qabel 'it-Twelid ta' Marija skont Ġakbu' jew 'il-Vanġelu tat-Twelid ta' Marija', huwa wieħed mill-eqdem vanġeli apokrifu li nsibu. Dan aktarx inkiteb madwar is-snin 150/200 w.K., bil-għan li jkabbar il-glorja ta' Marija u jiddefendi l-Verġinità tagħha. Huwa msejjaħ ta' Ġakbu, għaliex hu meqjus li kitbu Ġakbu, il-qarib tal-Mulej u li kien appostlu ukoll, aktarx xi kuġin u mhux ħuh bħalma jipprova jispjega dan il-ktieb, għaliex jgħid li San Ġużepp kien miżżewweġ qabel u safa armel bit-tfal u għalhekk jipprova jfisser b'dan il-mod żbaljat il-frażi tal-'aħwa ta' Ġesù' fil-vanġeli u biex isalva fuq kollox il-verġinità ta' Marija. Aħna ngħidu li dawn l-'aħwa ta' Ġesù kienu kuġini tiegħu billi bl-Ebrajk il-kelma 'aħwa' għandha tifsira iktar wiesgħa minn kif nifhmuha aħna u tfisser ġeneralment 'dawk li jiġu minnek mid-demm' bħalma huma l-kuġini jew qraba oħra. Dan ix-xogħol jurina fuq kollox

kif il-ġenituri tal-Madonna, San Ġwakkin u Sant'Anna ma setax ikollhom tfal, sitwazzjoni ta' mistħija kbira l-iktar fil-kultura biblika. Għalhekk huma jagħmlu wegħda lil Alla li jekk jagħtihom tarbija, huma lil din it-tarbija jikkonsagrawha lil Alla. Kitba apokrifa Armena ssemmi li din l-omm Anna welldet fis-seba' xahar tat-tqala, b'mod mirakuluż, fis-seba' siegħa tal-21 tax-xahar ta' Elul (l-aħħar xahar fil-kalendarju Lhudi, li jiġi bejn Awwissu u Settembru), u li jikkorrispondi għat-8 ta' Settembru, id-data li fil-Knisja niċċelebraw it-Twelid tal-Madonna.

L-'Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa' tirrakkonta fost l-oħrajn, l-aħħar snin ta' San Ġużepp. Dan huwa xogħol Grieg tat-2 seklu w.K., fejn jgħid li San Ġużepp kellu iktar minn mitt sena meta miet u miet madwar is-sena 18 jew 19 A.D., qabel ma Ġesù beda l-ħajja pubblika tiegħu madwar is-sena 30 A.D. Dan il-ktieb jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-mewt ta' Ġużeppi fejn ifisser il-paċi u l-konsolazzjoni li kellu fil-punt tal-mewt tiegħu mdawwar b'Ġesù u Marija. Dan ix-xogħol kellu nfluwenza kbira fil-Knisja Kopta ta' Lixandra ġewwa l-Eġittu fejn teżisti festa li tfakkar meta miet San Ġużepp u li tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Abîb, li jiġi għall-bidu ta' Awwissu tal-kalendarju tagħna.

## Il-Vanġelu ta' Tumas

Dan il-vanġelu apokrifu ħoloq ċertu interess matul is-snin u anke dak riċenti minħabba li jeżistu fih numru kbir ta' frażijiet u kliem (*sayings*, *logoi*) ta' Ġesù, li però ma sabux posthom fil-kotba ispirati. Il-vanġelu huwa attribwit lil San Tumas



l-appostlu, it-Tewmi, dak li għall-ewwel iddubita mill-qawmien ta' Kristu.

Instabu żewġ verżjoniet ta' dan il-vanġelu. Wieħed kien instab fl-aħħar tas-seklu dsatax fost l-papiru *Oxyrhynchus* u jikkonsisti fi tliet frammenti Griegi: 1; 654 u 655, li huma tas-sena 200 w.K. It-tieni verżjoni hija Kopta u waħda kompluta, u tmur għas-sena 400 w.K. Tinsab fit-tieni kodiċi ta' Nag Hammadi qrib ix-xmara Nil fl-Eġittu fejn instab fl-1945 minn żewġ bdiewa, f'dik li hi meqjusa bħala s-sejba ta' librerija sħiħa njostika.

Il-vanġelu jikkonsisti f'114-il *logia*, u kważi kollha jibdew bil-kelmiet: "Ġesù qal…". Fost dawn il-frażijiet, insibu numru mhux ħażin li juri xebh ma' frażijiet ta' Ġesù kif insibuhom b'mod speċjali f'Mattew. B'mod partikolari nistgħu nqabbluhom mad-diskors tal-Muntanja u l-kollezzjoni ta' parabboli f'Mattew kapitlu 13.
Minn dawn il-114-il *logia* l-istudjużi moderni jsostnu li 79 minnhom huma paralleli mas-sinottiċi. Ħdax minnhom huma varjanti tal-parabboli fis-sinottiċi. Tliet parabboli huma ġodda għal kollox. Għalkemm il-vanġelu ta' Tumas hu bbażat l-iktar fuq selezzjoni ta' materjal mill-vanġeli kanoniċi, iktar minn darba l-awtur ixaqleb għal tendenzi njostiċi l-kliem ta' Ġesù.

## Konklużjoni

Fis-7 t'April 2006, ġie ppreżentat manuskritt li fih il-kitbiet apokrifi: ta' l-Ewwel Apokalissi ta' Ġakbu; l-Ittra ta' Pietru lil Filippu; Ktieb ta' Allogenes, ereżjarka tat-tielet seklu w.K.; u l-vanġelu ta' Ġuda l-Iskarjota. Uħud ħasbu li dan il-vanġelu ta' Ġuda miktub mill-injostiċi qabel is-sena 180 w.K., kien xi skoperta ġdida; iżda infatti kien diġa` u mill-ewwel ikkundannat minn Sant'Irinew fit-tieni seklu w.K. (ara Adv. Haer. I 31,1). Għalhekk mela quddiem din il-kitba apokrifa wieħed irid joqgħod ħafna attent qabel jiġi biex japplika l-kontenut tagħha. Żgur li dawn il-kitbiet mhux ta' min joqgħod fuqhom għaliex huma biss kelma ta' bniedem 'li tgħaddi' u mhux il-Kelma ta' Alla 'li tibqa' għal dejjem'.



## Biblijografija


Cameron, R., *The Other Gospels: Non-Canonical Gospel Texts*, Philadelphia 1983.

Elliot, J.K., *The Apocryphal Jesus. Legends of the Early Church*, Oxford 1996.

Gamble, H.Y., *The Authority of the Bible*, New York 1985.

Havener, I., "The Infancy Gospel of Thomas", in TBT 22 (1984) 368-372.

Keck, L.E., "Scripture and Canon", in *Quarterly Review* 3 (1983) 8-26.

Koester, H., *Ancient Christian Gospels: Their History and Development,* London – Philadelphia 1990.



# IS-SAĊERDOZJU TA' KRISTU FL-ITTRA LIL-LHUD (4)

**_Noel Muscat ofm_**

L-aktar element importanti fit-tema dwar is-saċerdozju ta' Kristu fl-Ittra lil-Lhud hu l-aspett sagrifikali tal-mewt ta' Kristu fuq is-salib. Hu fuq is-salib li Ġesù jsir saċerdot u vittma li joffri lill-Missier sagrifiċċju perfett li jneħħi d-dnub darba għal dejjem. Hu jissiġilla f'demmu l-patt il-ġdid, bl-espjazzjoni u l-offerta tiegħu nnifsu lill-Missier.

## Kristu bħala qassis li joffri lilu nnifsu b'sagrifiċċju tal-Patt il-ġdid u ta' dejjem billi jxerred demmu fuq is-salib (9,11-23)

"Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa ġie. Hu daħal minn tinda aqwa u aktar perfetta li m'hijiex maħduma b'idejn il-bnedmin, jiġifieri m'hijiex ħolqien ta' din l-art; hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u ta' l-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem. Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied ta' l-għoġiela mraxxax fuq dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem, kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma ħajja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj!" (9,11-14).

L-awtur jiddeskrivi l-mewt sagrifikali ta' Kristu fuq is-salib fuq il-mudell tar-rit Lhudi tal-*Yom Kippur*, jew il-Jum ta' l-Espjazzjoni (Lev 16), meta l-qassis il-kbir kien jidħol bid-demm ta' l-annimali sagrifikati quddiem ix-xhieda tal-patt fil-qaddis tal-qaddisin, biex hekk jaqla' mingħand Alla l-maħfra tad-dnubiet tiegħu u tal-poplu. Kristu daħal fit-tinda vera, din id-darba b'demmu stess, biex imbagħad jgħaddi għas-santwarju veru, mhux dak tat-Tempju ta' Ġerusalemm, imma s-santwarju tas-smewwiet fejn hu jsaltan fil-lemin tal-Missier bħala l-uniku Medjatur li jidħol għalina quddiemu.

Is-sagrifiċċju ta' Kristu mhuwiex inqas veru mis-sagrifiċċji tal-annimali tat-Testment il-qadim, imma hu bil-wisq aktar superjuri għalihom, għaliex jirrappreżenta impenn personali ta' bniedem li hu mingħajr dnub, u mimli ħajja bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Minn hawn tiġi l-qawwa tal-purifikazzjoni tal-kuxjenza li hu jwettaq biex jgħaqqad lill-bnedmin ma' Alla.

"U għalhekk hu medjatur ta' patt ġdid, testment ġdid, biex, wara li seħħet il-mewt għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta' qabel, dawk li huma msejħin minn Alla jiksbu l-wirt ta' dejjem li hu wegħedhom. Fejn ikun hemm testment, ikun jeħtieġ li tixxandar il-mewt ta' min għamlu. Għax testment jibda jgħodd wara l-mewt, u ebda saħħa ma jkollu sakemm dak li jkun għamlu jibqa' ħaj. Kien għalhekk li anqas l-ewwel patt ma twettaq mingħajr demm. Għax Mosè, wara li nieda lill-poplu l-kmandamenti kollha kif titlob il-Liġi, ħa d-demm ta' l-għoġiela u tal-mogħoż flimkien mal-ilma, u bis-suf aħmar u l-friegħi ta' l-issopu raxx l-istess ktieb u l-poplu kollu, u qal: 'Dan hu d-demm tal-patt li Alla ordnalkom'. Hekk ukoll raxx bid-demm it-tabernaklu u t-tagħmir kollu tal-kult. Tabilħaqq, skont il-Liġi, tista' tgħid kollox jissaffa bid-demm; u bla tixrid tad-demm ma hemmx maħfra. Jekk mela kien meħtieġ li xbihat tal-ħwejjeġ tas-sema jissaffew b'dawn ir-riti, dawn l-istess ħwejjeġ tas-sema kellhom jissaffew b'sagrifiċċji aqwa" (9,15-23).

Ir-rit ta' espjazzjoni li għamel Mosè jsib għalhekk il-perfezzjonament tiegħu bis-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu, li fih il-kult tat-Tempju jsib il-milja tiegħu fil-kult tat-Testment il-ġdid tal-poplu saċerdotali tal-mifdijin.

Il-kelma Griega *diatheke* tfisser kemm patt kif ukoll testment. It-tradizzjoni tas-Septuaginta tuża din il-kelma biex tindika l-patt li Alla jagħmel mal-poplu tiegħu (ebrajk: *berit*). Kristu jinawgura f'demmu testment u patt ġdid.

## Kristu li jidħol fis-santwarju veru tas-smewwiet bl-uniku sagrifiċċju ta' l-ubbidjenza tiegħu lejn ir-rieda tal-Missier (9,24 – 10,18)

"Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin li hu biss xbieha tas-santwarju veru, imma

daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla. U daħal hemm mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sens fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor. Li kieku kien hekk, kien ikollu jbati ħafna drabi sa mill-ħolqien tad-dinja, iżda issa deher darba għal dejjem, meta waslet il-milja taż-żminijiet, biex ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju, hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jidher darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa" (9,24-28).

Mill-ġdid hawnhekk insibu riferiment għar-rit tal-Jum ta' l-Espjazzjoni jew *Yom Kippur*. Dan is-sagrifiċċju, kif ukoll l-olokawsti li s-saċerdoti kienu joffru kuljum fit-Tempju ta' Ġerusalemm, ma kellhom l-ebda qawwa li jneħħu d-dnubiet tal-poplu. Kien għalhekk meħtieġ li jkun hemm sagrifiċċju wieħed u tassew effikaċi li jkun jista' jelimina d-dnubiet. Dan kien biss is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib.

"Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet. Għalhekk Kristu meta daħal fid-dinja qal: 'Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija; vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien mbagħad għidt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla, kif fil-ktieb hemm miktub fuqi' (S 40,7-9) ... B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji ta' l-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni. Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta' l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem" (10,4-7; 9-10).

L-inutilità tas-sagrifiċċji ta' l-annimali kienet diġà ġiet affermata mill-profeti fit-Testment il-qadim (Is 1,11-13; Ġer 6,20; 7,22; Ħos 6,6; Għam 5,21-25; Mik 6,6-8). Il-profeta kienu jitkellmu dwar in-nuqqas ta' sinċerità quddiem Alla permezz ta' kult li ma kienx jikkorrispondi



għall-impenn ta' ubbidjenza għar-rieda ta' Alla. Fil-każ ta' Kristu, li joffri lilu nnifsu f'ubbidjenza totali lill-Missier insibu l-perfezzjonament tal-kult magħmul fl-ispirtu u l-verità. L-awtur jikkwota s-Salm 40, u jibdel l-espressjoni Ebrajka "widnejja inti ftaħtli" fl-espressjoni "ġisem int ħejjejt għalija", biex jindika l-offerta tal-ġisem veru ta' Kristu magħmula darba għal dejjem.

"Kull qassis ieħor imur kuljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. Imma Kristu, wara li offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh. Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes" (10,11-14).

B'hekk l-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud jikkonkludi l-osservazzjonijiet tiegħu dwar is-saċerdozju perfett ta' Kristu, billi jindikah bħala l-uniku saċerdozju veru tat-Tesment il-ġdid. Il-Knisja tara f'din it-teoloġija l-bażi tat-tagħlim tagħha dwar is-saċerdozju ministerjali, li hu sehem fl-uniku saċerdozju ta' Kristu, il-qassis il-kbir li daħal fis-smewwiet bis-saħħa tad-demm li xerred darba għal dejjem fuq l-altar tas-salib, u li l-Knisja ġġeddu ta' kuljum fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrifiċċju Ewkaristiku.



ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2011

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat €___
bħal abbonament għall-2011



# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani - 2011

## 25 ta' Jannar - 2 ta' Frar 2011

**Prezz: €1150**

**Ikteb jew ċempel:**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# Personaġġi Rġiel fil-Bibbja

*Mons. Lawrenz Sciberras*




***Għal min jixtieq iduq aktar il-benna u l-ġmiel tal-istorja tas-salvazzjoni, dan il-ktieb huwa grazzja. Bi stil sempliċi u mexxej, l-awtur iqegħidna fir-rakkonti u fil-kuntest vitali ta' dawn l-irġiel li huma wkoll, huma ħoloq f'katina twila ta' ġrajjiet u avventuri fil-misteru ta' Alla.***

## Prezz: €10

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254

